MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 49/2013

**Appell Nru. 49/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandra Zammit)**
**Vs**
**Kevin Stoner**

**Illum 14 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 264580 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Lulju, 2012 ghall-habta tas-01.30 hrs fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta :

1. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura numru EBA-485 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2. u aktar talli saq vettura numru EBA-485 b'manjiera traskurata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Jannar, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 15A, 15B u 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65, fuq nuqqas ta’ provi lliberat lill-appellat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta’ Frar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f’dan il-kaz kif ukoll il-ligi applikabbli ghaliha, ssib lill-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta giet biex tillibera lili-appellat mill-akkuzi kollha migjuba kontrih, inter alia ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-provi u tal-ligi, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi preliminarjament jinghad illi mid-dicitura tas-sentenza jidher illi l-Qorti ma waslitx ghall-konkluzzjonijiet taghha ghax ma kienx hemm l-element ravvizzati tal-akkuzi migjuba jew ghax m’emmnietx ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, izda hasset il-htiega li tillibera lill-appellat peress li fil-fehma taghha din l-ammissjoni ma giet ikkoroborata f’ebda mod minn xhieda okulari. Ghal din ir-raguni dan l-appell mhux ser jittratta jekk fil-fatt l-incident sehhx jew jekk fil-fatt dak li l-appellat ammetta irrizultax legalment o meno izda ser jiffoka principalment fuq l-argumentazzjomjiet uzati mill-ewwel Qorti sabiex jiggustifikaw il-liberatorja tal-appellat u fuq kif dawn l-argument m’ghandhom l-ebda sostenn fil-principju kif ukoll fil-ligi.

Illi skond gurisprudenza taghha ammissjoni maghmula mill-persuna mixlija jew akkuzata hija meqjjusa bhala ‘prova regina’ u Ii kwindi ghandu validita inkonfutabbli fis-sistema gudizzjarja taghha purche li tkun inghatat b’mod volontarju, minghajr theddid jew vantaggi jew twebbil, u dan anki jekk fin-nuqqas ta’ xhieda ohra, sia jekk okulari, sia jekk le.  Dan qed jinhad peress li konfessjoni sia jekk verbali jew jekk bil-miktub (u kwindi mhux limitatament stqarrijiet miktuba) tista tingieb bhala prova kontra l-imputat li jkun dment li tkun ittiehdet volontarjament u differenti minn dak li stqarret l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, din il-prova ma tirrekjedix korroborazzjoni minn provi ohra biex titqies bhala prova valida, legali u sufficjenti.

Illi mill-atti proesswali ma jidhirx illi saret xi allegazzjoni jew xi argumentazzjoni li implikat Ii din il-konfessjoni kienet ivvizzjata minn xi theddid, weghdiet jew vjolenza, kemm mid-difiza kif ukoll mill-Qorti. Anzi jidher illi l-appellat ghamel konfessjoni spontanja u pprova jiggustifika dak li ghamel u l-istat xurban li kien fih minhabba – z-zmien difficli li kien ghaddej minnu wara li hu stess kien mar jaghmel rapport l-ghassa minn jeddu u zgur allura minghajr hadd ma gieghlu. Di piu mhux talli ma kienx hemm weghdiet favorevoli da parti tal-pulizija izda talli infurmawh li kienu ser jittiehdu passi kontrth kif filfatt gara.

Illi jidher car li l-ewwel Qorti ma tatx il-valur probatorju lill-ammissjoni tal-imputat u dan irrispettivament tal-fatt li Hi rriteniet l-affidavits taz-zewg pulizija bhala parti mill-provi fil-kaz innifsu, liema provi jindikaw l-ammissjoni tal-appellat kif ukoll ir-rapport tal-PIRS a folio 4 tal-proess li jikkorobora ic-cirkostanzi ta’ dak li sehh kif deskritti fl-istess affidavits. Di piu din l-ammissjoni u l-uzu taghha bhala prova kienet wahda legali skond l-artikolu 658 tal-Kodici Kriminali u l-gurisprudenza taghna.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit jinghad ukoll illi huwa d-dmir u l-obbligu tal-pulizija ezekuttiva li jinvestigaw ir-rapporti li jsiru minn persuni anki jekk dawn ikunu jridu jibqghu anonimi liema obbligu huwa fiifatt regolat mill-ligi u

mill-gurisprudenza. Din l-investigazzoni ssir indipendentement minn jekk il-pulizija ikunu raw dak allegat u di piu l-anonimita' ta' min qed jirraporta ghandha tigi rispettati kemm fi stadju investigattiv kif ukoll fi stadju procedurali l-Qorti. Kwindi l-fatt li l-pulizija ma rawx l-incident isehh peress Ii kienu qedghin jagixxu fuq rapport li sarilhom minn persuna li xtaqet tibqa anonima u li ailura ma setghetx tigi identifikata jew mixlija l-Qorti sabiex tixhed dwar dak li rat, m'ghandiex tigi nterpretata bhala nuqqas ta' prova jew korroborazzjoni tal-ammissjoni tal-appellat li in ogni caso u ghar-ragunijiet diga indikati mijiex legalment mehtiega. Li huwa essenzjali huwa li dak irrappurtat anonimament jirrizulta li filfatt sehh u Ii l-pulizija tipprocedi *'wara li tizgura l-flagranza tar-reat jew mill-fatt permanenti'.* F'dan il-kaz dak irappurtat gie kkonfermat minn dak li l-pulizija sabu fuq il-post fejn sehh l-incident fil-hinijiet li sar l-istess rapport, mid-danni kemm fuq il-vettura tal-appellat kif ukoll tal-vetturi pparkjati u finalment mill-ammissjoni tal-appellat li ghar-ragunijiet indikati diga, tibqa prova valida ghal finijiet u ghall-effetti kollha tal-ligi.

Illi di piu u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, tajjeb li jigi mfakkar li l-hsarat fuq il-vettura kemm tal-appellat kif ukoll tas-sidien tal-vettura pparkeggati u ddanneggati irrizultaw mir-rapport tal-PIRS u l-posizzjonament taghhom jikkoroboraw ukoll dak li gie rappurtat fit-telefonata anonima li rcevew il-pulizija dwar l-incident innifsu u l-mod kif dan sehh. Dawn il-hsarat inkorsi fihom infushom jikkostitwixxu prova cirkostanzjali li flimkien mal-ammissjoni tal-appellat kif rifless fiz-zewg affidavits tal-pulizija ezebiti in atti u r-rapport tal-Pulizija, jaghmlu l-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni fil-konfront tal-appellat dwar l-akkuzi mijuba kontrih.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fid-19 ta' Lulju, 2012 dahlet telefonata anonima fl-ghassa tal-Mosta fejn gie rapurtat illi kienet ghaddiet vettura fi Triq il-Kungress Ewkaristiku fejn laqtet numru ta' vetturi li kienu pparkjati fit-triq. Zewg pulizija PS 1574 Renaldo Cremona u PC 348 George Sammut marru fuq il-post fejn innutaw numru ta' vetturi bil-hsara.

Irrizultalhom illi s-sewwieq tal-vettura EBA 485 li kkawzat il-hsara kien l-appellat Kevin Stoner illi dak il-hin kien lahaq mar l-ghassa tal-Mosta minn jeddu sabiex jaghmel rapport fuq dak li kien gara. Minn hemmhekk gie mitlub jinzel fix-xena ta' l-incident biex isir aktar stharrig. Ghall-ewwel Stoner beda jhawwad fid-diskors izda verbalment ammetta illi filwaqt illi kien hiereg mill-Mosta kien xurban minhabba kwistjonijiet personali li kellu u laqat iz-zewg vetturi li kienu parkjati ma genb it-triq. Dak il-hin skuza ruhu ghall-inkonvenjent u gew ikuntattjiti s-sidien tal-vetturi dannegjati sabiex jikkuntattjaw lill-appellat ghar-rizarciment tad-danni. Pero' l-pulizija xorta ressqet lill-appellat il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzu u b'Sentenza tad-29 ta' Jannar, 2013 il-Qorti tal-Magistrati lliberat lil-imputat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu minhabba nuqqas ta' provi. L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell.

Ikkunsidrat.

L-Avukat Generali argumenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li l-ammissjoni ta' l-appellat ma kienetx tiswa ghax ma kienx hemm xhieda okulari ghall-incident illi setghu jikkorraboraw din l-ammissjoni. Argumenta illi din l-ammissjoni fuq il-post ta' l-incident kienet wahda legali u kellha tigi accettata bhala prova minghajr korraborazzjoni, wkoll il ghaliex "roadside interviews" ghandhom jigu trattatati differenti minn stqarrijiet ohra u huma accettati.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti tqis illi l-argument ta' l-Avukat Generali ghandu l-fundament tieghu u jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma haditx kaz ta' l-istqarrija ta' l-appellat peress illi ma kienetx korroborata minn xhieda okulari. Jibda biex jinghad illi l-pulizija difficli jkunu fuq il-post dak il-hin ta' l-incident u dejjem iridu jirreferu ghall-investigazzjonijiet taghhom meta jixlu lil xi hadd b'xi reat jew kontravenzjoni. U dana huwa propju li gara f'dan il-kaz fejn il-pulizija tramite l-prosekuzzjoni xliet lill-appellat illi

huwa kien qed isuq b'mod traskurat taht l-influwenza tax-xorb u b'hekk ma kellux il-kontroll shih tal-vettura tieghu.

Ikkunsidrat.

L-ewwel Qorti kellha f'mohhha l-insenjament ricenti dwar il-pozizzjoni legali tat-tehid ta' stqarrijiet fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet iddecidiet illi fil-kaz ta' tehid ta' stqarrija minghar assistenza legali f'xi stadju qabel dak it-tehid, kellha tittiehed b'certa kawteli u fl-isfond ta' provi ohra illi jingiebu mill-prosekuzzjoni u mhux in izolament wehidha bhal li kieku l-provi 'l ohra ma jezistux. Il-Qorti jidhrilha illi dan l-insenjament ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni fil-kaz ta' "roadside interviews". Dana ghas-semplici raguni li l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali japplika biss fil-kaz ta' arrest ta' persuna meta jkun hemm id-deprivazzjoni tal-liberta. F'kaz ta' roadside interviews il-persuna ma tkunx arrestata u ma jkunx hemm "a deprivation of liberty" biex jiskattaw dawk il-kawteli msemmija mill-Qorti Kostituzzjonali. F'dan il-kaz quindi, pulizija illi jkun qed jintervista persuna fit-triq dwar xi kontravenzjoni tat-traffiku jista' jsaqsi d-domandi li jrid u l-persuna tista' twiegeb volontarjament kif trid u t-twegibiet jistghu jingiebu bhala prova favur u kontra din il-persuna fl-isfond ta' l-Artiklu 658 tal-Kap 9 u ma hemmx ghalfejn korraborazzjoni minn provi ohra. Dik l-ammissjoni f'dawk ic-cirkostanzi ghandha titqies bhala prova valida legali u sufficjenti. Ghalhekk bir-rispett l-ewwel Qorti ma kienetx legalment korretta meta ddecidiet illi tillibera lill-appellat peress illi l-ammissjoni tieghu ma kienetx accettabbli bhala prova peress li ma kienetx sostanzjata b'xi provi okulari ohra.

Ghalhekk din il-Qorti issib illi l-ammissjoni ta' l-appellat ma' PS 1574 Renaldo Cremona u PC 348 George Sammut hija wahda valida u skont il-Ligi u ghandha titqies bhala prova kontra l-appellat. Din il-Qorti thoss illi x-xhieda taz-zewg pulizija msemmija taghmel prova shiha u kompleta kontra l-appelat inkluz l-ammissjoni maghhom ta' dan l-akkadut li kellu jwassal ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellat ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-mottivi taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-Sentenza appellata u wara li rat l-Artikoli 15A, 15B, 15 (1), 15 (a) (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-appelat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall- multa ta' €500 u tissospendi l-licienzji tas-sewqan ghal zmien 6 xhur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------